MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Avviz Numru. 544/2004

Avviz Nru 544/04DM

Vincent Cuchieri Limited (C-4162)

Vs

Lapsi Holdings Ltd (C-17868)

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, tlett mitt lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm2,300.41) dovuta lill-istess socjeta' attrici da parti tas-socjeta' konvenuta rappresentanti prezz ta' merkanzija mibjugha lill-istess socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ l-ittra legali datata 3 ta’ Settembru, 2004, kif ukoll tal-Mandat ta’ Sekwestru ppresentati kontestwalment ma’ l-Avviz u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma deherux biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma deheru fis-seduta tal-lum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni,

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qieghda tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta’ elfejn, tlett mitt lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm2,300.41), bl-imghaxijiet legali b’effett mit-3 ta’ Settembru, 2004.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------